**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Jurgen Vella**

**Vs**

**Kim Vella**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Kim Vella, bin Raymond u Maria Dolores, xebba Barbara, imwieled il-Pieta' nhar il-5 ta' Gunju 1992, residenti gewwa 99, Aphrodite, Triq il-Karmnu, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 280592M;

Talli nhar ikl-15 ta' Awwissu, 2013, ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija (20:30hrs), gewwa Triq Haz-Zabbar, il-Fgura, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, b'vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBG 827 :

1) Involontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Borda minn Hal Tarxien, hekk kif icceritifika Dr. T. Armatys c/o A & E tal-Isptar Mater Dei,

2) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, traskurata u negligenti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti tal-*proces verbal* esebit;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu gewwa Triq Zabbar, Fgura, fid-data u l-hin indikati, gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar u sejjer lejn Rahal Gdid. F'hin minnhom, hekk kif gie qrib il-pompa tal-petrol bl-isem "Francis Service Station", qasam certu Joseph Borda u intlaqat mill-vettura misjuqa mill-imputat. Huwa sofra griehi gravi u ghal xi hin kien ikklassifikat li kien fil-periklu tal-mewt, u ghalhekk infethet inkjesta mill-magistrat tal-ghassa. Borda baqa' rikoverat l-isptar sakemm gie determinat li kien sofra griehi gravi u permanenti, u aktar tard il-Pulizija ressqet lill-imputat f'din il-kawza.

Mill-provi prodotti jirrisulta car kif gara l-incident in kwistjoni, specjalment bil-filmat mehud mill-istess pompa tal-petrol fejn intlaqat Borda. F'dan ir-rigward, il-*proces verbal* huwa indikattiv ferm, u l-konkluzjonijiet hemm milhuqa,

partikolarment dawk ta' Dr Mario Buttigieg, jindikaw ezatt x'gara. Id-dinamika tal-incident huwa dan. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu tat-tip Hyundai Accent, numru GBG 827, gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar u sejjer lejn Rahal Gdid. Di fatti, Vella kien ser jigbor xi habib tieghu mill-pjazza ta' Rahal Gdid u, flimkien maz-zewg persuni l-ohra li kien hemm fil-vettura mieghu, huma kienu eventwalment sejrin lejn Gianpula. It-triq hija wahda pjuttost dritta u taghti vizwali tajba hafna minghajr ostakoli jew liwjiet. Dak il-hin tal-incident kien gia' lahaq dalam, izda t-triq kienet imdawwla tajjeb u kienet niexfa. Ghalhekk il-kundizzjonijiet ta' sewqan kienu tajbin.

Mill-filmat mehud mill-pompa tal-petrol, l-incident jidher sew. Ftit qabel ma wasal Vella hdejn il-pompa, Borda kien qed isuq il-vettura tieghu fl-istess direzzjoni li kien sejjer Vella. Fil-fatt, Borda jidher qed jaghmel manuvra bl-istess vettura tieghu billi pparkjaha kwazi quddiem il-pompa. Fil-filmat jidher qed jiftah il-bieba tal-vettura, johrog u jaghlaq il-bieba, u jaqsam. Ghalkemm il-camera ggib biss riglejn Borda, huwa bizzejjed biex il-Qorti tezamina kif sehh l-incident. Borda kien wasal sa nofs it-triq meta intlaqat mill-vettura ta' Vella. Jidher li hu kellu dahru lejn it-traffiku gej minn warajh, minn fejn gej Vella, qed ihares lejn it-traffiku gej min-naha opposta, cioe' dawk il-vetturi gejjin minn Rahal Gdid sejrin lejn Haz-Zabbar. Mad-daqqa jidher ukoll li Borda jaghfas ic-cavetta tal-vettura tieghu biex isakkarha, haga li ma kienx ghamel qabel ma qasam it-triq.

Mill-istess filmat, jidher car li Vella ma kienx qed isuq b'velocita' eccessiva. Di fatti, hu jidher iwaqqaf il-vettura tieghu ftit metri 'l boghod biss minn fejn sehh l-incident. Dan hu indikat ukoll fil-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert tal-inkjesta, Dr Buttigieg, li jghid li l-velocita' li biha kien qed isuq Vella kien ta' madwar 47 kilometru fis-siegha. Il-kwantita' ta' vetturi ohra li kienu ghaddejjin minn dik it-triq kienet sinjifikanti, u ma tippermettix li vettura ittella' velocita' eccessiva. It-traffiku kien wiehed mexxej, izda t-triq ma kienetx vojta ghal kollox. Dan ifisser, fi ftit kliem li, ghalkemm ma kienx hemm traffiku wieqaf, pero' kien hemm diversi vetturi fit-triq. Flimkien ma' dan il-fatt stabbilit, ghalhekk, il-Qorti trid tara jekk kienx ghaqli Borda meta qabad u qasam it-triq minn dak il-post, meta madwar mitt metru boghod kien hemm 'pelican crossing' ghal 'pedestrians', kif jirrisulta mill-istess *proces verbal*. Jekk it-triq hija wahda li notorjament tilqa' fiha kwantita' ta' traffiku kostanti, bhal ma hija Triq Haz-Zabbar, allura kien jinkombi wkoll fuq Borda li jaqsam bi prudenza.

Hija l-fehma tal-Qorti li, mid-dinamika tal-incident, kemm Vella kif ukoll Borda naqsu milli jiehdu prekawzjonijiet adegwati, ghalkemm il-Qorti tara li hemm negligenza kontributorja ta' Borda aktar milli hemm traskuragni ta' Vella. Dan qed jinghad ghar-ragunijiet segwenti. It-triq hija wahda dritta, b'vizwali tajba, u bid-dawl jahdem. Ghalhekk Vella kellu t-triq quddiemu minghajr ostakoli ta' xejn. Hu seta' facilment jara lil Borda jaqsam, u kellu bizzejjed hin biex inaqqas il-velocita' qabel ma sehh l-incident. Mill-filmat, izda, tinghata l-impressjoni li Vella ma ndunax li kien hemm persuna quddiemu qed taqsam it-triq. Dan hu msahhah aktar meta, a tempo vergine, wiehed mill-passiggieri riekeb ma' Vella, certu Adrian Debarro, jinstema' jghajjat lil Vella biex jieqaf u fl-istess waqt jintlaqat Borda. Tenut kont ta' dan, il-manuvra li ghamel Borda bhala 'pedestrian' kienet wahda azzardata. Hija sfortuna kbira li persuna tintlaqat minn vettura, issofri griehi gravi li jhallu debbolezza permanenti f'sahhitha, tant li taffettwa l-hajja ta' kuljum taghha. Izda kull persuna li taqsam triq pubblika ghandha dejjem thares sew biex tara jekk humiex gejjin vetturi. Meta hemm 'pelican lights' jew 'zebra crossing', bhal ma kien hemm qrib ta' fejn sehh l-incident, kull 'pedestrian' ghandu jaghmel uzu minn dik il-facilita' biex jaqsam, sabiex jevita jew inaqqas mill-periklu ghalih u ghal haddiehor. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, parti sostanzjali mit-tort tal-incident ghandu jmur fuq Borda talli qabad u qasam triq traffikuza minn punt fejn kien ta' periklu ghalih, bil-konsegwenza li sofra l-griehi gravi u permanenti f'sahhtu.

Irid jinghad li Vella bhala sewwieq ta' vettura naqas milli jzomm 'a proper lookout' f'dan l-incident. Ma jistax jinghad li kellu l-vizwali tieghu disturbata, jew li gie rinfaccjat b'dak li jissejjah 'sudden emergency'. Madankollu Borda naqas ukoll meta qasam it-triq bil-mod li qasam, u din wasslet biex hu intlaqat minn Vella. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li Vella wera traskuragni fis-sewqan tieghu, izda din hija mnaqqsa min-negligenza kontributorja da parti ta' Borda. Zgur ma hemmx l-estremi ta' sewqan perikoluz jew b'velocita' eccessiva, jew addirittura ta' sewqan bla kont, izda biss ta' sewqan traskurat. Dan kien incident sfortunat ghall-ahhar, frott ta' aljenazzjoni ta' Vella u ta' azzard ta' Borda, li, b'xorti hazina, ser ihalli effett indelibbli fuq it-tnejn li huma, u forsi anke fuq il-familji rispettivi taghhom.

Ghalhekk, bhala piena, il-Qorti hi propensa tapplika multa minghajr sospensjoni jew skwalifika tal-licenzja tas-sewqan, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 225, 226(1)(a) u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat **Kim Vella** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, b'dan li s-sewqan kien traskurat, u ghalhekk tikkundannah ghal Multa ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400.00).

Tordna lill-imputat sabiex, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9, ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta, ammontanti ghal total ta' elfejn u hamsa w tletin Ewro, tnejn u sittin centezmu (€2,035.62).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**